Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA 2019**

**SEDUTA NUMRU 55**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta nhar il-Ħamis 18 ta'Mejju 2023 fl-16.45

Din il-laqgħa qed issir ukoll online.

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Mary Anne Abela | - | Viċi Sindku |
| Anna Pisani | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Paul Fenech | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignuad | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Aġent Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsillieri A. Chetcuti u M.Bonello kienu skużati minħabba impenji urġenti ta'xogħol.

L-Accountant tal-Kunsill kien preżenti wkoll għal din is-Seduta.

Is- Sindku qal it-talba.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

**55.1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

55.1.1 Il-Minuti tas-Seduta Nru 54 ġew approvati hekk kif emendati skond il-korezzjonijiet tal-Kunsillier T.Valentino. Il-Kunsillier P. Fenech ipporopona u l-Viċi Sindku ssekondat.

*Is-Sindku ppropona li ssir sospezzjoni ta' l-Aġenda sabiex jiġi diskuss l-Quarterly Report għax-xhur bejn Jannar u Marzu 2023. Il-ħin kien il- 17.06.*

*L-Accountant tal-Kunsill spjega fid-dettal l-figuri li ġew ippreżentati f'dan ir-rapport ta' l-ewwel kwart tas-sena. Ġie inutat li l-ispiża dovuta għall-ġbir ta' l-iskart naqset b'mod drastiku. L-invoices li ġew ippreżentanti lil Kunsill mir-Reġjun Lvant dwar il-ġbir ta' skart huma ferm inqas bħala ammont minn dak li l-Kunsill kien iħallas s-sena l-oħra u għalhekk jidher li din is-sitwazzjoni finanzjarja se tkun qed tirkupra xi ftit. Is-Sindku spjega li għalkem din hija aħbar tajba ħafna, jemmen li l-ispejjeż dovuti ma' tipping fees ( li irduppjaw mis-sena l-oħra) u l-invoices ta' xhur ta' sajf se jkunu iktar qawwijja u għalhekk hu mportanti li niqbgħu kawti u nsegwu mill-qrib din is-sitwazzjoni.*

*Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li dan ir-rapport jiġi approvat. Il-Viċi Sindku ppproponiet u l-Kunsillier P. Fenech issekonda.*

**55.3 RAPPORT MIS-SINDKU**

55.3.1 Is-Sindku ppreżenta rapport tiegħu li se jkun anness ma' dawn il-Minuti – App. A.

55.3.2 Nhar it-12 t'April, is-Sindku nforma li saret laqgħa ma' l-iżvillupaturi ta' Villa Rosa fis-sala tal-Kunsill. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti wkoll is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ta' Pembroke, is-Sindku ta' San Ġiljan kif ukoll il-Kunsillieri P.Fenech, R.Scicluna, A.Pisani, E. Rossignaud, il-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Waqt din il-laqgħa, ġew diskussi diversi punti fosthom l-impatt ambjentali u soċjali ta' dan il-proġett u kif se jkun immaniġjat it-traffiku f'din iż-żona.

55.3.3 Fl-istess ġurnata fis-sala tal-Kunsill, saret ukoll sezzjoni ta' Zumba sabiex jinġabru fondi għal tfal fi Zambia. Għal din is-sezzjoni, kien hemm diversi persuni li pparteċipaw.

55.3.4 Nhar it-13 t'April saret laqgħa mas-Sur B. Bonello rigward il-pjanti l-ġodda ta' Triq Sant Andrija li ġew ppreżentati lil Kunsill minn IM/TM. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li nitolbu lil IM biex issir laqgħa flimkien ma' residenti ħalli jiġu spjegati fid-dettal ix-xogħlijiet proposti.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**55.3 RAPPORT MIS-SINDKU**

55.3.6 Nhar l-25 t'April saret laqgħa ta' kull xahar ma' l-uffiċċjali tal-Community Police u LESA fejn għal darb oħra isemmiet il-problema ta' rimi ta' skart illegali kif ukoll storbju eċċessiv.

55.3.7 Nhar is-26 t'April, saret preżentazzjoni mill-istudenti ta' l-Inġenerija dwar proġetti ta' tisbieħ li jistgħu jiġu attwati fil-lokalita' tagħna. Dawn ppereparaw pjanti dwar Triq is-Swieqi, Triq tal-Franċiż u Triq tal-Ibraġ u Triq il-Qasam. Is-Sindku ppropona li dawn il-viżwali jiġu esebiti fil-Kunsill. Is-SE infurmat li se tkun qed tagħmel kuntatt magħhom dwar din il-possibilita'.

55.3.8 Nhar it-28 t'April, is-Sindku nforma li hu floimkiena mal-Perit tal-Kunsill attendew għal laqgħa li saret mill-Ministru A.Farrugia u Segreterju Parlamenti l-Onor A.Zerafa Civelli dwar il-proġett *Slow Streets.* Waqt din il-laqgħa ingħad li kull Kunsill irrid jiddenrifika t-toroq fejn jista' jiġi mplimentat dan il-proġett. Wara diskuzzjoni, ġe deċiż li jintgħażlu dawn:

- Iż-żona ta' Ġnien M. Caruana Curran
- Triq il-Qasam
- Triq tal-Ibraġ
- Triq is-Swieqi

Bażikament dan il-proġett se jkopri biss l-ispejjeż relatati ma' tibdil ta' sinjali ta' traffiku u għalhekk huwa ferm importanti li l-Kunsill jutilizza l-fondi ta' DPF. Is-SE infurmat li bħalissa għaddejin il-preparamenti biex jiġi ppublikat dan it-tender għal Triq tal-Ibraġ. Is-Sindku nforma li sa l-aħħar ta' Ġunju, il-Kunsill irrid jissotometti l-pjanijiet ta' dawn it-toroq.

55.3.9 Nhar it-28.04.23, is-Sindku flmkien mal-membri tal-Bord ta' l-Aġġudikazzjoni iltaqgħu sabiex jiġu aġġudikati l-offerti li ġew sottometti għas-sejħa indikati hawn taħt:

<u>SLC/T/01/2023 – Pavement Works and Patching Works for the Swieqi Local Council</u>

| | | |
|---|---|---|
| 188452 | Architworks | €239,992.00 |
| 188439 | Simon Sammut | €236,309.75 |
| 188424 | Dim and Co. Ltd | €186,617.00 |
| 188416 | Jake Borg | €240,017.90 |
| 188215 | Catbros Ltd | €146,793.00 |

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**55.3 RAPPORT MIS-SINDKU – ikompli**

Dwar dan l-offerti, is-SE infurmat li nhar it-12 ta' Mejju bagħtet għal xi kjarfiki permezz ta' sistema ta' l-Epps u li l-kuntratturi indikati għandhom s'għada sabiex jirrispondu u li l-Bord se jkun qed jerġa jiltaqa' nhar l-24 ta'Mejju.

55.3.10 Nhar l-10 ta'Mejju, is-Sindku iltaqa' mal-Perit Bonnici ta' IM dwar il-possibilta' li jsiru xi planters minn naħa ta' IM fit-toroq li se jsiru xogħlijiet ta' rikostruzzjoni. Hu nforma li staqsa sabiex jsiru planters fil-kantunieri msemmija hawn taħt. Il-Perit ta' IM staqsa sabiex il-Perit tal-Kunsill jilħaq jipprepara l-pjanti ta' dawn il-planters. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

- Triq il-Ħemel k/m Triq il-Għajn
- Triq il-Miżura k/m Triq il-Kartoċċ
- Triq il-Ġwielaq k/m Triq il-Ħemel

55.3.11 Is-Sindku attenda wkoll għal laqgħa li saret onlajn dwar is-Swieqi Run li se tkun qed titella' nhar it-8 ta' Settembru. Kien hemm preżenti wkoll Ms Giulia Borg, Ms Sandra Smart u s-SE.

55.3.12 Is-Sindku nforma li flimkien mal-Viċi Sindku attendew għal konferenza ta' l-ECAD li ġiet organizzata mill-AKL. Huma nfurmaw li din kienet waħda informattiva ħafna fejn ħareġ iktar il-problema kbira ta' l-użu ta' drogi sintetiċi madwar id-dinja. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li navviċinaw lil Caritas forsi flimkien nkunu nistgħu norganizzaw xi taħdita għal ġenituri ta' adoloxxenti. Is-SE infurmat li se tkun qed tagħmel kuntatt magħhom.

55.3.13 Nhar is-16 ta'Mejju, is-Sindku nforma li huwa flimkien mal-Viċi Sindku u s-SE attendew għal laqgħa li saret fl-uffiċċini ta' l-AKL mal-President Sur M. Fava u uffiċċjali mit-TM dwar l-użu ta' l-e scooters. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li ssir laqgħa ma' l-operaturi tal-BIRD u BOLT. Is-SE infurmat li se tkun qed tagħmel kuntatt magħhom.

55.3.14 Is-Sindku staqsa jekk hux possibli li tiġi preparat by-law sabiex tiregola l-inxir tal-ħwejjeġ fil-gallariji/verandi etc peress li skont il-Pulizija jidher li m'hemm l-ebda indikazzjoni li fejn wieħed jista' jonxor. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li jiġi kkunttajat l-Avukat tal-Kunsill.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**55.3 RAPPORT MIS-SINDKU – ikompli**

55.3.15 Is-Sindku rrefera għal manutenzjoni ta' dawl ta' toroq. Hu nforma li l-kuntrat tagħna mal-Mica Med skada u għalhekk bħalissa qed nużaw is-servizzi ta' l-Enemalta. Hu nforma li għalkemm hu personlament mhux kuntent b'din is-sitwazzjoni, il-qagħda finanzjajrja tal-Kunsill ma tippermettix mod ieħor. Is-SE infurmat li Reġjun Lvant wkoll hemm xi taħdiet biex dan is-servizz jingħata fuq bażi Reġjonali. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li nuru l-interess tagħna sabiex jekk kemm-il darba ir-Reġjun joħroġ din is-sejħa, nkunu parti minnha.

55.3.16 Is-Sindku nforma li riċentament ġew installati erbgħa instrumenti tal-mużika fil-Ġnien pubbliku ta' fejn il-Kunsill. Dawn ingħataw lilna mill-MCAST u l-ESPLORA u l-Kunsill ħallas biss l-ispejjeż relatati ma' l-installazzjoni. Il-Kunsillier A.Pisani infurmat li xi residenti ilmentaw li dawn qed jindaqqu tard filgħaxija. Wara diuskuzzjoni ġie deċiż li ssir tabella bil-ħinijiet ta' meta jistgħu jindaqqu.

55.3.17 Is-Sindku nforma li fl-aħħar jiem it-teamijiet tal-futbol ta' nisa u ta' l-irġiel kif ukoll tal-handball u vollyball kisbu riżultati eċċezjonali. F'isem il-Kunsill kollu, huwa awguralhom ta' dawn is-suċċessi sbieħ.

55.3.18 Hu nforma li sfortunatament ta' spiss il-fanali tad-dawl qed jġu vandalizzati fi Ġnien FX Ebejer. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li jsiru tiswijiet neċċessarji.

55.3.19 Rigward Triq tal-Franċiż, is-Sindku ppropona li parti minn Triq tal-Franċiż (bejn Triq V.Menville u Triq C.Tridenti) ssir one-way minħabba li skond rapporti li qed nirċievu jidher li qed ikun hemm aċċidenti gravi. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Is-SE infurmat li se tapplika ma' TM.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**55.4 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA**

Mill-Kunsillier A.Pisani

55.4.1 Il-Kunsillier staqsiet jekk hux possibli li jsir xi ħaġa biex jitnaddfu l-arbli tad-dawl minħabba li dawn huma kollha mtebbgħin bl-awrina tal-klieb. Is-SE infurmat li għalkemm din hija kwistjoni ma tantx hemm x'jista' jsir peress li s-sidien tal-klieb huma biss marbuta bil-liġi li jnaddfu l-ħmieġ tal-kelb u mhux l-awrina.

55.4.2 Hija staqsiet ukoll jekk lift tal-persuni b'diżabilta hux jiffunzjona. Is-SE infurmat li saru diveri tentattivi sabiex dan jaħdem u li l-Kunsill diġa' nefaq l-eluf għal dawn it-tiswijiet. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li jsiru kuntatti ma' Dipartiment tal-Konsumatur. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Mill-Viċi Sindku

55.4.3 Il-Viċi Sindku infurmat li fuq grupp tal-WhatsApp li għandhom ir-residenti tal-Madliena reġgħet tqajmet il-kwistjoni ta' l-inċenatur tal-Madliena. Hija infurmat li se tkun qed isewgi mill-qrib din il-materja.

55.4.4 Hija ppreżentat artiklu li ġie miktub minn student ta' 9 snin. Dan l-artiklu hu miktub vera tajjeb.

55.4.5 Il-Viċi Sindku nfurmat li Swieqi Fest għal din is-sena se jitella' bejn il-1 u 3 ta' Settembru fil-waqt li Ġieħ is-Swieqi se jsir nhar il-31 t'Awwissu. Hija infurmat li dal-waqt se jibdew il-preparamenti għal dawn l-attivitajiet u għaldaqstant kull min għandu xi ideat huwa mħeġġeġ li javviċina l-membri ta-sotto-kumitat responsabli mill-organizazzjoni.

*Il-Kunsillier A.Pisani staqsiet sabiex tkun skużata. Il-ħin kien 20:14.*

Mill-Kunsillier R. Scicluna

55.4.4 Rigward il-ħajt tas-sejjiegħ imwaqqa' tal-Medical Stores, hija staqsiet jekk sarux it- tiswijiet neċċessarji. Is-SE infurmat li qed tibqa' tibgħat reminders lil LANDS dwar din il-materja.

55.4.5 Il-Kunsillier R. Scicluna staqsiet sabiex kemm jista' jkun malajr jiġu mnaddfa l-culverts ta' Triq is-Sidra.

Mill-Kunsillier T.Valentino

55.4.6 Il-Kunsillier infurmat li skond Maltapost minn dil-ġimgħa bdiet titqassam iċ-ċirkulari lil kull residenza dwar Ġieħ is-Swieqi 2023. Hija ħeġġet lil kull Kunsillier sabiex jinnomina lil xi persuni ta' integrita' kif ukoll staqsiet biex l-istaff tal-Kunsill jkompli jinforma lil pubbliku dwar dan l-Unur.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv

**55.4 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA**

55.4.7 Hija staqsiet ukoll sabiex titnaddaf l-parking area ta' quddiem l-entratura tal-Forti peress li jidher li hemm ammont ta' skart mormi kif ukoll iż-żona ta' Triq il-Fortizza. Is- SE infurmat li se tkun qed tagħmel l-kuntatti neċċessarji.

*Il-Kunsillier T.Valentino talbet sabiex tkun skużata. Il-ħin kien 20:26.*

**55.5 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

SPI/SCI/03/2023 – SKEMA GĦALL-ESPRESSJONI TA' INTERESS – THE WORLD CLEAN-UP CAMPAIGN

B'referenza għall-iskema indikata fis-suġġett, is-SE staqsiet jekk hux se napplikaw għal din l-iskema. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li din terġa' ssir bħas-sena l-oħra fiż-żona tal-Madliena u jekk hu possibli fiż-żona ta' Triq is-Swieqi. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

.

**55.6 APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI U ĦLAS IEĦOR**

L-iskeda tal-pagamenti nru 45 ġiet approvata minn dawk preżenti. Il-Kunsillier R. Scicluna pproponiet u l-Kunsillier P. Fenech issekonda.

Din is-seduta spiċċat fit-20.40 u s-Seduta li jmiss hija skedata għal nhar l-20 ta'Mejju 2023 fl-16.30.

Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.

Noel Muscat

Sindku

Clarissa Buhagiar

Segretarju Eżekuttiv